# KAPITOLU 410

## ATT DWAR IS-SEKWESTRU U L-KUSTODJA TA' MINURI

*Biex jagħti s-setgħta lil Malta tirratifika żewġ Konvenzjonijiet internazzjonali li għandhom x'jaqsmu rispettivament ma' l-aspetti ċivili ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri u mar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar kustodja.*

1 ta' Awissu, 2000

*L-Att XIII ta' l-1999, kif emendat bl-Att VI ta' l-2001.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri. Titolu fil-qosor.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dak il-jum li l-Ministru responsabbli għall-affarijiet barranin jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' l-Att.

**2.** (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir.

"Malta" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bil-Kostituzzjoni;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja;

"minuri" tfisser persuna li ma tkunx għalqet is-sittax-il sena;

"sekwestru" tfisser is-serq jew ħtif ta' persuna.

(2) Fl-Ewwel u fit-Tieni Skedi li jinsabu ma' dan l-Att, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u t-test Malti, għandu jipprevali t-test Ingliż.

TAQSIMA I

### Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri

**3.** (1) F'din it-Taqsima ta' dan l-Att "il-Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, li kienet ġiet iffirmata f'L-Ajja fil-25 ta' Ottubru, 1980, u li l-Artikoli rilevanti tagħha qegħdin fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att. Il-Konvenzjoni ta' l-Ajja.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni li qegħdin fl-Ewwel Skeda għandhom jkollhom is-saħħa ta' liġi f'Malta.

**4.** (1) Għall-finijiet tal-Konvenzjoni kif għandha s-saħħa ta' liġi f'Malta taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att, l-Istati Kontraenti minbarra Malta għandhom ikunu dawk li fiż-żmien li jkun jiġu speċifikati mill-Ministru responsabbli għall-Affarijiet Barranin b'ordni fil-Gazzetta taħt dan l-artikolu. Stati Kontraenti.

(2) L-imsemmi ordni għandu jispeċifika d-data tal-bidu fis-seħħ tal-Konvenzjoni bejn Malta u l-Istat speċifikat fih; u, ħlief

fejn l-ordni jipprovdi xort'oħra, il-Konvenzjoni għandha tapplika bejn Malta u dak l-Istat biss għal każijiet ta' trasferiment illegali jew ritenzjoni ta' minuri li jokkorru f'dik id-data jew wara dik id-data.

(3) Fejn il-Konvenzjoni tapplika, jew tapplika biss, għal territorju partikolari jew territorji partikolari speċifikati f'dikjarazzjoni magħmula minn Stat Kontraenti taħt l-Artikolu 39 jew 40 tal-Konvenzjoni, ir-riferenzi għal dak l-Istat fis-subartikoli (1) u (2) għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għal dak it-territorju jew dawk it-territorji.

Awtorità ċentrali.

**5.** Il-funzjonijiet ta' awtorità ċentrali taħt il-Konvenzjoni għandhom jiġu esegwiti mid-Direttur responsabbli għall-*welfare* u kull applikazzjoni magħmula taħt il-Konvenzjoni minn jew fl-isem ta' persuna barra minn Malta tista' tiġi indirizzata lill-uffiċċju tad-Direttur responsabbli għall-*welfare*.

Ġurisdizzjoni.

**6.** (1) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew kull qorti oħra li l-Ministru jista' b'ordni jsemmi għandu jkollha ġurisdizzjoni biex titratta applikazzjonijiet taħt il-Konvenzjoni.

(2) Meta jiġri li xi ħadd li jkollu interess jew id-Direttur tal-*welfare* jallega li minuri jkun tneħħa b'mod illeċitu fil-kuntest tat-tifsira ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, huwa jista', mingħajr ebda preġudizzju għal kull azzjoni oħra dwar l-istess kwistjoni li tista' leġittament tittieħed, jagħmel applikazzjoni taħt is-subartikolu (1) sabiex jingħata rimedju.

(3) Kull min ikun parti fil-proċedimenti jkollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Setgħat *interim*.

**7.** Meta tkun saret applikazzjoni taħt il-Konvenzjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew lil kull qorti oħra li l-Ministru jista' b'ordni jsemmi, il-qorti tista', f'kull żmien qabel ma tiġi deċiża l-applikazzjoni, tagħti dawk id-direttivi *interim* li jidhrilha li jkunu xierqa biex jiġi żgurat il-benesseri tal-minuri konċernat jew għall-prevenzjoni li jinbidlu ċ-ċirkostanzi rilevanti għad-deċiżjoni ta' l-applikazzjoni.

Rapporti.

**8.** Meta d-Direttur responsabbli għall-*welfare* jiġi mitlub biex jipprovdi tagħrif dwar minuri taħt l-Artikolu 7(*d*) tal-Konvenzjoni huwa jista' -

(*a*) jitlob lil kull persuna biex tagħmillu rapport bil-miktub dwar kull ħaġa li jidhirlu li tkun rilevanti;

(*b*) jitlob lil kull qorti li lilha jkun sar rapport bil-miktub dwar il-minuri biex tibgħatlu kopja tar-rapport,

u dik it-talba għandha tiġi milqugħa kif imiss.

Prova b'dokumenti u provi oħra.

**9.** (1) Għall-finijiet ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, deċiżjoni jew determinazzjoni ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva barra minn Malta tista' tiġi ppruvata b'kopja awtentikata kif imiss tad-deċiżjoni jew determinazzjoni; u kull dokument li jkun jidher li jkun kopja bħal dik għandu jitqies li jkun kopja vera kemm-il darba ma jintweriex il-kuntrarju.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), kopja tkun awtentikata kif

imiss jekk ikollha s-siġill, jew tkun iffirmata minn imħallef jew uffiċjal ta' l-awtorità in kwistjoni.

(3) Għall-finijiet ta' l-Artikoli 14 u 30 tal-Konvenzjoni, kull dokument kif hemm imsemmi fl-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni, jew kopja ċertifikata ta' kull dokument bħal dak, għandu jkun prova biżżejjed ta' kull ħaġa ddikjarata.

Dikjarazzjonijiet mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew minn kull qorti oħra msemmija.

**10.** Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew kull qorti oħra msemmija b'ordni tal-Ministru tista', fuq applikazzjoni magħmula għall-finijiet ta' l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni minn xi persuna li l-qorti tara li jkollha interess fil-kwistjoni, tiddikjara li t-trasferiment ta' xi minuri minn Malta, jew ir-ritenzjoni tiegħu barra minn Malta, kien jew kienet illeċità fis-sens ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

Sospensjoni tas-setgħat tal-qorti f'każijiet ta' trasferiment illeċitu.

**11.** Ir-riferenza fl-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni għad-deċiżjoni fuq il-meriti ta' jeddijiet ta' kustodja għandha tiftiehem bħala riferenza għal -

(*a*) l-għemil, tibdil jew tħassir ta' ordni ta' kustodja taħt l-artikoli 47, 56, 60, 61 jew 149 tal-Kodiċi Ċivili; Kap. 16.

(*b*) ir-reġistrazzjoni jew l-infurzar ta' deċiżjoni taħt it-Taqsima II ta' dan l-Att.

Regoli tal-Qrati. Kap. 12.

**12.** Il-Bord tar-Regoli mwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jipprovdi sabiex dak li jinsab f'din it-Taqsima jkun effettiv skond kif ikun jidhirlu li jkun meħtieġ jew spedjenti.

Riservi.

**13.** (1) Billi Malta ser tagħmel riserva (riprodotta fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att) kif hemm imsemmija fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni, l-ispejjeż imsemmija f'dak il-paragrafu ma għandhomx jitħallsu minn xi Ministru jew xi awtorità f'Malta.

(2) Malta qegħda wkoll tagħmel riserva b'dan illi komunikazzjonijiet li jintbagħtu lill-awtorità ċentrali għandhom ikunu mseħbin bi traduzzjoni fl-ilsien Ingliż.

## TAQSIMA II

### Rikonoxximent u Infurzar ta' Deċiżjonijiet ta' Kustodja

Il-Konvenzjoni Ewropea.

**14.** (1) F'din it-Taqsima ta' dan l-Att "il-Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni Ewropea dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kustodja ta' Minuri u dwar ir-Restituzzjoni tal-Kustodja ta' Minuri li kienet ġiet iffirmata fil-Lussemburgu fl-20 ta' Mejju, 1980, u li l-Artikoli rilevanti tagħha huma miġjuba fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, id-disposizzjonijiet ta' dik il-Konvenzjoni miġjuba fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att (li jinkludu l-Artikoli 9 u 10 kif għandhom effett b'konsegwenza ta' riserva magħmula minn Malta taħt l-Artikolu 17, liema riserva hija riprodotta fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att) għandu jkollhom is-saħħa ta' liġi f'Malta.

Stat Kontraenti.

**15.** (1) Għall-finijiet tal-Konvenzjoni kif għandha s-saħħa ta'

liġi f'Malta taħt din it-Taqsima, l-Istati Kontraenti minbarra Malta għandhom ikunu dawk li fiż-żmien li jkun jiġu speċifikati mill-Ministru responsabbli għall-Affarijiet Barranin b'ordni fil-Gazzetta taħt dan l-artikolu.

(2) Dak l-ordni għandu jispeċifika d-data tal-bidu fis-seħħ tal-Konvenzjoni bejn Malta u l-Istat speċifikat fl-ordni.

(3) Fejn il-Konvenzjoni tapplika, jew tapplika biss, għal territorju partikolari jew territorji partikolari speċifikati minn Stat Kontraenti taħt l-Artikolu 24 jew 25 tal-Konvenzjoni, ir-riferenzi għal dak l-Istat fis-subartikoli (1) u (2) għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għal dak it-territorju jew dawk it-territorji.

Awtorità ċentrali.

**16.** (1) Il-funzjonijiet ta' awtorità ċentrali taħt il-Konvenzjoni għandhom jiġu esegwiti mid-Direttur responsabbli għall-*welfare*.

(2) Kull applikazzjoni magħmula taħt il-Konvenzjoni minn jew fl-isem ta' persuna barra minn Malta tista' tiġi indirizzata lid-Direttur responsabbli għall-*welfare*.

Rikonoxximent ta' deċiżjonijiet.

**17.** (1) L-Artikoli 7 u 12 tal-Konvenzjoni għandu jkollhom effett skond dan l-artikolu.

(2) Deċiżjoni li għaliha japplika l-wieħed jew l-ieħor minn dawk l-Artikoli li tkun saret fi Stat Kontraenti minbarra Malta għandha tkun rikonoxxuta f'Malta bħallikieku saret minn qorti f'Malta iżda -

(*a*) il-Qorti ta' l-Appell tista', fuq rikors ta' xi persuna li l-Qorti tara li jkollha interess fil-kwistjoni, tiddikjara għal xi raġuni speċifikata fl-Artikolu 9 jew 10 tal-Konvenzjoni illi d-deċiżjoni ma għandhiex tkun rikonoxxuta f'Malta; u

(*b*) id-deċiżjoni ma għandhiex tkun esegwibbli f'Malta kemm-il darba ma tkunx reġistrata fil-qorti idonea skond l-artikolu 18.

(3) Ir-riferenzi fl-Artiklu 9(1)(*ċ*) tal-Konvenzjoni għat-trasferiment tal-minuri huma għat-trasferiment tiegħu bla dritt fis-sens tal-Konvenzjoni.

Reġistrazzjoni ta' deċiżjonijiet.

**18.** (1) Persuna li lilha jingħataw xi drittijiet b'deċiżjoni li għandha x'taqsam mal-kustodja magħmula minn awtorità fi Stat Kontraenti minbarra Malta tista' tagħmel rikors għar-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni fir-reġistru tal-Qorti ta' l-Appell.

(2) L-awtorità ċentrali f'Malta għandha tassisti lil dik il-persuna biex tagħmel l-imsemmi rikors jekk issir talba għal dik l-għajnuna minn dik il-persuna jew f'isimha mill-awtorità ċentrali ta' l-Istat Kontraenti in kwistjoni.

(3) Rikors skond is-subartikolu (1) jew talba skond is-subartikolu (2) għandhom jiġu trattati bħala talbiet għall-esekuzzjoni għall-finijiet ta' l-Artikoli 10 u 13 tal-Konvenzjoni.

(4) Il-Qorti ta' l-Appell għandha tirrifjuta li tirreġistra deċiżjoni jekk -

(*a*) il-Qorti tkun tal-fehma li għal xi raġuni speċifikata fl-

Artikolu 9 jew 10 tal-Konvenzjoni d-deċiżjoni ma għandhiex tkun rikonoxxuta f'Malta;

(*b*) il-qorti tkun tal-fehma li d-deċiżjoni ma tkunx esegwibbli fl-Istat Kontraenti fejn tkun saret u ma tkunx deċiżjoni li għaliha japplika l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni; jew

(*ċ*) ikun hemm pendenti applikazzjoni dwar il-minuri taħt it-Taqsima I ta' dan l-Att.

(5) F'dan l-artikolu "deċiżjoni li għandha x'taqsam mal-kustodja" għandha l-istess tifsir bħalma għandha fil-Konvenzjoni.

Tibdil u tħassir ta' deċiżjonijiet reġistrati.

**19.** (1) Meta deċiżjoni li tkun ġiet reġistrata taħt l-artikolu 18 tiġi mibdula jew imħassra minn awtorità fl-Istat Kontraenti li fih tkun saret, il-persuna li f'isimha jkun sar ir-rikors għar-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni għandha tinnotifika lill-Qorti ta' l-Appell bit-tibdil jew tħassir.

(2) Meta l-Qorti ta' l-Appell tiġi notifikata skond is-subartikolu (1) li tħassret xi deċiżjoni, hija għandha -

(*a*) tħassar ir-reġistrazzjoni, u

(*b*) tinnotifika b'dak it-tħassir lil dawk il-persuni li jistgħu ikunu msemmija f'dawk ir-regoli tal-qrati li jistgħu isiru mill-Bord tar-Regoli mwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

(3) Meta qorti tiġi notifikata taħt is-subartikolu (1) bit-tibdil ta' deċiżjoni, hija għandha -

(*a*) tinnotifika b'dak it-tibdil lil dawk il-persuni li jistgħu ikunu msemmija fir-regoli tal-qrati li jistgħu isiru; u

(*b*) taħt kull kondizzjoni li tista' tiġi preskritta b'dawk ir-regoli, tibdel ir-reġistrazzjoni.

(4) Il-Qorti ta' l-Appell tista' wkoll, fuq ir-rikors ta' xi persuna li l-qorti tara li jkollha interess fil-kwistjoni, tħassar jew tibdel ir-reġistrazzjoni jekk tkun sodisfatta li d-deċiżjoni tkun ġiet imħassra jew, skond il-każ, mibdula minn awtorità fl-Istat Kontraenti li fih tkun saret.

Esekuzzjoni ta' deċiżjonijiet.

**20.** Meta deċiżjoni dwar il-kustodja tkun ġiet reġistrata taħt l-artikolu 18, il-Qorti ta' l-Appell għandu jkollha l-istess setgħat għall-esekuzzjoni tad-deċiżjoni daqslikieku kienet ġiet magħmula minnha; kik ukoll il-proċeduri għall-esekuzzjoni li jistgħu jittieħdu.

Setgħat *interim*.

**21.** Meta jkun sar rikors lill-Qorti ta' l-Appell għar-reġistrazzjoni ta' deċiżjoni taħt l-artikolu 18 jew għall-esekuzzjoni ta' dik id-deċiżjoni il-Qorti tista', f'kull żmien qabel ma jiġi deċiż ir-rikors, tagħti dawk id-direttivi *interim* li jidhrilha li jkunu xierqa biex jiġi żgurat il-benesseri tal-minuri konċernat jew għall-prevenzjoni li jinbidlu ċ-ċirkostanzi rilevanti għad-deċiżjoni tar-rikors jew, fil-każ ta' rikors għar-reġistrazzjoni, għad-deċiżjoni ta' kull rikors sussegwenti għall-esekuzzjoni tad-deċiżjoni.

Sospensjoni tas-setgħat tal-qorti.

**22.** (1) Meta xi qorti li fiha jkun hemm pendenti dwar xi minuri proċeduri bħal dawk msemmija fis-subartikolu (2) ssib illi -

(*a*) ikun sar rikors għar-reġistrazzjoni ta' deċiżjoni dwar il-minuri taħt l-artikolu 18 (li ma tkunx deċiżjoni li għaliha japplika s-subartikolu (3)) jew li dik id-deċiżjoni tkun irreġistrata; u

(*b*) id-deċiżjoni tkun saret fi proċeduri mibdija qabel il-proċeduri li jkun hemm pendenti,

is-setgħat tal-Qorti dwar il-minuri f'dawk il-proċeduri għandhom ikunu ristretti kif imsemmi fis-subartikolu (2) kemm-il darba, fil-każ ta' rikors għar-reġistrazzjoni, ir-rikors ma jiġix rifjutat.

(2) Fejn japplika s-subartikolu (1) l-Qorti ma għandhiex fil-każ ta' proċeduri ta' kustodja tagħmel, tibdel jew tħassar xi ordni ta' kustodja.

(3) Id-deċiżjoni msemmija fis-subartikolu (1) hija deċiżjoni li hi biss deċiżjoni li jkollha x'taqsam mal-kustodja fis-sens ta' l-artikolu 18 bis-saħħa li tkun deċiżjoni dwar il-jeddijiet ta' aċċess.

(4) Il-paragrafu (*b*) ta' l-Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni għandu jiftiehem bħala li jirreferi għal proċeduri ta' kustodja fis-sens ta' dan l-Att.

Rapporti.

**23.** Meta d-Direttur responsabbli għall-*welfare* jiġi mitlub biex jistħarreġ dwar xi minuri taħt l-Artikolu 15(1)(*b*) tal-Konvenzjoni, huwa jista' -

(*a*) jitlob lil kull persuna biex tagħmillu rapport bil-miktub dwar kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-minuri konċernat li jidhirlu li tkun rilevanti;

(*b*) jitlob lil kull Qorti li lilha jkun sar rapport bil-miktub dwar il-minuri biex tibgħatlu kopja tar-rapport,

u kull talba bħal dik għandha tiġi milqugħa kif imiss.

Prova b'dokumenti u provi oħra.

**24.** (1) F'kull proċeduri taħt din it-Taqsima, deċiżjoni ta' awtorità barra minn Malta tista tiġi ppruvata b'kopja awtentikata tad-deċiżjoni; u kull dokument li jkun jidher li jkun kopja bħal dik għandu jitqies li jkun kopja vera kemm-il darba ma jintweriex il-kuntrarju.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), kopja tkun awtentikata kif imiss jekk ikollha s-siġill, jew tkun iffirmata minn imħallef jew uffiċjal ta' l-awtorità in kwistjoni.

(3) F'kull proċeduri taħt din it-Taqsima kull dokument kif imsemmi fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, jew kopja ċċertifikata ta' kull dokument, għandu jkun prova biżżejjed ta' kull ħaġa ddikjarata fih.

Deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin.

**25.** (1) Meta persuna li lilha jingħataw xi jeddijiet b'deċiżjoni li għandha x'taqsam mal-kustodja magħmula minn qorti f'Malta tagħmel applikazzjoni lid-Direttur responsabbli għall-*welfare* taħt l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni bl-iskop li tiżgura r-rikonoxximent jew l-esekuzzjoni tagħha fi Stat Kontraenti ieħor, l-imsemmi Direttur jista' jitlob lill-qorti li tkun għamlet id-deċiżjoni biex tagħtih kull dokument jew xi dokument imsemmi fl-Artikolu 13(1)(*b*),(*ċ*) u (*d*) tal-Konvenzjoni.

(2) Meta f'xi proċeduri ta' kustodja qorti f'Malta tieħu deċiżjoni dwar minuri li jkun ġie trasferit minn Malta, il-qorti tista' wkoll, fuq applikazzjoni magħmula minn xi persuna għall-finijiet ta' l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni, tiddikjara li t-trasferiment kien kontra l-liġi jekk tkun sodisfatta li r-rikorrent ikollu interess fil-kwistjoni u li l-minuri ttieħed minn Malta jew intbagħat jew inżamm barra minn Malta mingħajr il-kunsens tal-persuna (jew, jekk iżjed minn waħda, tal-persuni kollha) li jkollha l-jedd li tiddeċiedi l-post ta' residenza tal-minuri f'Malta.

(3) F'dan l-artikolu "deċiżjoni li għandha x'taqsam mal-kustodja" għandha l-istess tifsir bħalma għandha fil-Konvenzjoni.

**26.** (1) Il-Bord tar-Regoli mwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jipprovdi sabiex dak li jinsab f'din it-Taqsima jkun effettiv skond kif jidhirlu meħtieġ jew spedjenti. Regoli tal-qrati. *Emendat: VI. 2001.33.* Kap. 12.

(2) Ir-regoli tal-qrati jistgħu jipprovdu speċjalment -

(*a*) dwar il-proċedura fuq rikorsi lil Qorti skond xi disposizzjoni ta' din it-Taqsima u dwar id-dokumenti, l-informazzjoni u l-avviżi li għandhom jingħataw b'kull rikors;

(*b*) jingħataw direttivi li jkunu jeħtieġu li tingħata informazzjoni dwar xi minuri li jkun suġġett għal proċedimenti taħt din it-Taqsima u biex jiġi salvagwardat il-benesseri tiegħu.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għar-rigward tal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' xi proċedura taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att:

Iżda sakemm jiġu hekk stabbiliti dawk id-drittijiet mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

## TAQSIMA III

### Supplimentari

**27.** (1) Meta - Temm ta' ordnijiet eżistenti ta' kustodja, eċċ.

(*a*) isir ordni biex jiġi ritornat xi minuri taħt it-Taqsima I; jew

(*b*) deċiżjoni dwar minuri (li ma tkunx deċiżjoni li għaliha japplika s-subartikolu (2)) tiġi reġistrata taħt l-artikolu 18,

kull ordni ta' kustodja inkonsistenti ma' dak l-ordni jew deċiżjoni m'għandux jkollha effett.

(2) Id-deċiżjoni msemmija fis-subartikolu (1)(*b*) hija deċiżjoni li hi biss deċiżjoni li jkollha x'taqsam mal-kustodja fis-sens ta' l-artikolu 18 bis-saħħa li tkun deċiżjoni dwar il-jeddijiet ta' aċċess.

Spejjeż.

**28.** L-ispejjeż li jsiru mid-Direttur tal-*welfare* għall-finijiet ta' dan l-Att għandhom jitħallsu minn flus provduti mill-Kamra tad-Deputati għal dak l-iskop.

Ratifika ta' trattati.

**29.** Bis-saħħa ta' dan l-Att, il-Gvern ta' Malta huwa awtorizzat li jirratifika l-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, li kienet ġiet iffirmata f'L-Ajja fil-25 ta' Ottubru, 1980, u l-Konvenzjoni Ewropea dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kustodja tal-Minuri, iffirmata f'Lussemburgu fl-20 ta' Mejju, 1980.

SKEDI

L-EWWEL SKEDA

[Artikolu 3(1)]

## KONVENZJONI DWAR L-ASPETTI ĊIVILI FIS-SEKWESTRU INTERNAZZJONALI TA' MINURI

## KAPITOLU I - GĦAN TAL-KONVENZJONI

*Artikolu 3*

Ir-rimozzjoni jew ir-ritenzjoni ta' minuri għandhom jitqiesu bħala illeċiti meta -

(*a*) dan ikun bi ksur tad-drittijiet ta' kustodja, vestiti f'persuna, istituzzjoni jew enti oħra, kemm singolarment, kif ukoll konġuntement, taħt il-liġi ta' l-Istat fejn il-minuri kien soltu joqgħod minnufih qabel ir-rimozzjoni jew ritenzjoni;

(*b*) fil-waqt tar-rimozzjoni jew tar-ritenzjoni dawk id-drittijiet kienu attwalment eżerċitati, jew konġuntement sew singolarment, jew kienu jkunu hekk eżerċitati kieku ma kienx għar-rimozzjoni jew għar-ritenzjoni.

Id-drittijiet ta' kustodja imsemmija fis-subparagrafu (*a*) hawn aktar qabel jistgħu joriġinaw b'mod partikolari mill-operat tal-liġi jew bis-saħħa ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva, jew bis-saħħa ta' ftehim li jkollu effett legali skond il-liġi ta' dak l-Istat.

*Artikolu 4*

Il-Konvenzjoni tapplika għal kull minuri li kien soltu joqgħod fi Stat Kontraenti minnufih qabel ikunu nkisru d-drittijiet ta' kustodja jew ta' aċċess. Il-Konvenzjoni ma tibqax tapplika meta l-minuri jagħlaq is-sittax il-sena.

*Artikolu 5*

Għall-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni -

(*a*) "drittijiet ta' kustodja" jinkludu d-drittijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kura tal-persuna tal-minuri u, b'mod partikolari, id-dritt li jiġi determinat il-post tar-residenza tal-minuri;

(*b*) "drittijiet ta' aċċess" jinkludu d-dritt li minuri jittieħed għal żmien limitat f'post differenti minn fejn soltu joqgħod.

## KAPITOLU II - AWTORITAJIET ĊENTRALI

*Artikolu 7*

L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jikkoperaw ma' xulxin u jippromwovu l-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati rispettivi tagħhom biex jiżguraw ir-ritorn malajr tal-minuri u biex jintlaħqu l-għanijiet l-oħra ta' din il-Konvenzjoni.

B'mod partikolari, sew direttament sew permezz ta' xi intermedjarju, huma għandhom jieħdu il-miżuri kollha idoneji biex -

(*a*) jiskopru fejn ikun jinstab il-minuri li kien tneħħa jew ġie miżmum b'mod illeċitu;

(*b*) jipprevjenu milli ssir iktar ħsara lill-minuri jew li jiġu ulterjorment preġudikati partijiet interessati billi jieħdu jew jaraw li jittieħdu miżuri

proviżorji;

(*ċ*) jiksbu r-ritorn volontarju tal-minuri jew iwasslu għal soluzzjoni amikevoli tal-kwistjonijiet;

(*d*) jiskambjaw, fejn desiderabbli, informazzjoni dwar l-isfond soċjali li minnu jkun ġej il-minuri;

(*e*) jipprovdu informazzjoni ta' xorta ġenerali dwar il-liġi ta' l-Istat tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni;

(*f*) jibdew jew jgħinu biex jinfetħu proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi bil-għan li jinkiseb ir-ritorn tal-minuri u, fil-każijiet idoneji jagħmlu l-arranġamenti biex jiġi organizzat jew assigurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess;

(*g*) fejn iċ-ċirkostanzi jkunu hekk jeħtieġu, li jipprovdu jew jiffaċilitaw l-għoti ta' għajnuna u pariri legali, inkluża l-parteċipazzjoni ta' avukati u konsulenti;

(*h*) jipprovdu dawk l-arranġamenti amministrattivi li jistgħu jkunu meħtieġa flokhom biex jiżguraw ir-ritorn tal-minuri qawwi u sħiħ;

(*i*) iżommu lil xulxin infurmati dwar kif qed titħaddem din il-Konvenzjoni u, sa fejn ikun possibbli, jeliminaw kull xkiel għall-applikazzjoni tagħha.

## KAPITOLU III - RITORN TA' MINURI

*Artikolu 8*

Kull persuna, istituzzjoni jew enti oħra li tallega li l-minuri tneħħa jew inżamm bi ksur ta' drittijiet ta' kustodja, jista' japplika sew lill-Awtorità Ċentrali tal-post fejn soltu joqgħod il-minuri sew lill-Awtorità Ċentrali ta' kull Stat Kontraenti ieħor għall-assistenza biex jinkiseb ir-ritorn tal-minuri.

L-applikazzjoni għandu jkun fiha -

(*a*) informazzjoni dwar l-identità ta' l-applikant, tal-minuri u tal-persuna li allegatament neħħiet jew żammet il-minuri;

(*b*) meta jkun disponibbli, id-data tat-twelid tal-minuri;

(*ċ*) ir-raġunijiet li fuqhom l-applikant ikun qed jibbaża t-talba tar-ritorn tal-minuri;

(*d*) kull informazzjoni disponibbli dwar il-post fejn ikun jinsab il-minuri u l-identità tal-persuna li magħha x'aktarx ikun qiegħed il-minuri.

L-applikazzjoni jista' jkollha magħha jew tiġi supplimentata -

(*e*) b'kopja awtentika ta' kull deċiżjoni jew ftehim rilevanti;

(*f*) b'ċertifikat jew affidavit maħruġ mill-Awtorità Ċentrali, jew minn xi awtorità kompetenti oħra ta' l-Istat fejn il-minuri jkun soltu jgħix, jew minn persuna kwalifikata, dwar il-liġi rilevanti f'dak l-Istat;

(*g*) b'kull dokument ieħor rilevanti.

*Artikolu 9*

Jekk l-Awtorità Ċentrali li tirċievi applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 8 għandha għaliex taħseb li l-minuri jinsab fi Stat Kontraenti ieħor, hija għandha tibgħat direttament u mingħajr dewmien l-applikazzjoni lill-Awtorità Ċentrali ta' dak l-Istat Kontraenti u tgħarraf lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti, jew lill-applikant, skond il-każ.

*Artikolu 10*

L-Awtorità Ċentrali ta' l-Istat fejn ikun jinsab il-minuri għandha tieħu jew iġġiegħel li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jinkiseb ir-ritorn volontarju tal-minuri.

*Artikolu 11*

L-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi ta' l-Istati Kontraenti għandhom imexxu bil-ħeffa l-proċeduri għar-ritorn ta' minuri.

Jekk l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva li tkun, ma tkunx waslet għal deċiżjoni fi żmien sitt ġimgħat mid-data tal-bidu tal-proċedimenti, l-applikant jew l-Awtorità Ċentrali ta' l-Istat rikjest, sew b'inizjattiva tagħha sew jekk mitluba mill-Awtorità Ċentrali ta' l-Istat rikjedenti, jkollha d-dritt li titlob stqarrija bir-raġunijiet għad-dewmien. Jekk l-Awtorità Ċentrali ta' l-Istat rikjest tirċievi risposta, dik l-Awtorità għandha tgħaddi r-risposta lill-Awtorità Ċentrali ta' l-Istat rikjedenti, jew lill-applikant, skond il-każ.

*Artikolu 12*

Meta minuri jkun tneħħa jew inżamm b'mod illeċitu skond l-Artikolu 3 u, fid-data tal-bidu tal-proċedimenti quddiem l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva ta' l-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-minuri, ikun għadda perjodu ta' inqas minn sena mid-data tar-rimozzjoni jew ritenzjoni illeċita, l-awtorità li tkun għandha tordna r-ritorn tal-minuri biex dan isir minnufih.

L-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva, ukoll meta il-proċedimenti jkunu inbdew wara li jkun għalaq il-perjodu ta' sena msemmi fil-paragrafu ta' qabel, għandha tordna wkoll ir-ritorn tal-minuri kemm-il darba ma jiġix pruvat li l-minuri jkun issa adatta ruħu fl-ambjent ġdid tiegħu.

Meta l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva ta' l-Istat rikjest ikollha għaliex tissuspetta li l-minuri jkun ittieħed fi Stat ieħor, din tista' twaqqaf il-proċedimenti jew tiċħad l-applikazzjoni għar-ritorn tal-minuri.

*Artikolu 13*

Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu ta' qabel, l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva ta' l-Istat rikjest m'hiex marbuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk il-persuna, istituzzjoni jew enti oħra li topponi r-ritorn iġġib prova li -

(*a*) il-pesuna, istituzzjoni jew enti oħra li jkunu vestiti bil-kura tal-persuna tal-minuri ma kienux attwalment qegħdin jeżerċitaw id-drittijiet tal-kustodja fiż-żmien meta jkun tneħħa jew inżamm il-minuri jew li taw il-kunsens tagħhom jew sussegwentement baqgħu siekta għar-rimozzjoni jew ritenzjoni tal-minuri; jew

(*b*) jkun hemm riskju kbir li r-ritorn tal-minuri se jesponih għal dannu fiżiku jew psikoloġiku jew inkella jqiegħed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli.

L-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tista' wkoll tirrifjuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk issib li l-minuri joġġezzjona għar-ritron tiegħu u jkun laħaq età u livell ta' maturità li jkun tajjeb li wieħed jagħti każ tal-fehmiet tiegħu.

Meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-Artiklu, l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi għandhom iqisu l-informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' l-isfond soċjali tal-minuri kif provduta mill-Awtorità Ċentrali jew minn xi awtorità kompetenti oħra tal-post fejn ikun soltu joqgħod il-minuri.

*Artikolu 14*

Sabiex jiġi aċċertat jekk kienx hemm rimozzjoni jew ritenzjoni illeċita kif imfissra fl-Artikolu 3, l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi ta' l-Istat rikjest jistgħu jagħtu każ direttament tal-liġi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji jew amministrattivi li jkunu jew ma jkunux rikonoxxuti formalment fl-Istat fejn il-minuri jkun soltu joqgħod, mingħajr ma jirrikorru għall-proċeduri speċifiċi għall-prova ta' dik il-liġi jew għar-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ta' pajjiżi barranin li kienu jkunu applikabbli mod ieħor.

*Artikolu 15*

L-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi ta' Stat Kontraenti jistgħu, qabel ma jagħmlu ordni għar-ritorn ta' minuri, jeħtieġu lill-applikant li jikseb mingħand l-awtoritajiet ta' l-Istat fejn ikun soltu joqgħod il-minuri sentenza jew deċiżjoni oħra fis-sens illi r-rimozzjoni jew ir-ritenzjoni kienet waħda illeċita għat-tenur ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, meta dik is-sentenza jew deċiżjoni tkun tista' tinkiseb f'dak l-Istat. L-Awtoritajiet Ċentrali ta' l-Istati Kontraenti għandhom sa fejn dan ikun prattikabbli jassistu lill-applikanti fil-ksib ta' dik is-sentenza jew deċiżjoni.

*Artikolu 16*

Wara li jkunu rċevew l-avviż ta' rimozzjoni jew ritenzjoni illeċita ta' minuri għat-tenur ta' l-Artikolu 3, l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi ta' l-Istat Kontraenti fejn ikun ittieħed jew inżamm il-minuri m'għandhomx jiddeċiedu fuq il-mertu tad-drittijiet tal-kustodja qabel ma jiġi deċiż illi l-minuri m'għandux jiġi ritornat taħt din il-Konvenzjoni jew kemm-il darba ma ssirx applikazzjoni skond din il-Konvenzjoni fi żmien raġonevoli minn meta jkunu irċevew l-avviż.

*Artikolu 17*

Il-fatt uniku li tkun ingħatat deċiżjoni dwar il-kustodja jew li dik id-deċiżjoni tista' tiġi rikonoxxuta fl-Istat rikjest m'għandux ikun motiv biex jiġi rifjutat ir-ritorn ta' minuri taħt din il-Konvenzjoni, iżda l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi ta' l-Istat rikjest jistgħu iqisu xi jkunu r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni meta jiġu biex japplikaw din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 18*

Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitlu ma jillimitawx is-setgħa ta' xi awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva li tordna r-ritorn tal-minuri f'kull żmien li jkun.

*Artikolu 19*

Deċiżjoni li tittieħed taħt din il-Konvenzjoni dwar ir-ritorn ta' minuri m'għandhiex titqies bħala li tkun qed tiddeċiedi wkoll il-mertu ta' xi kwistjoni dwar il-kustodja.

## KAPITOLU IV - DRITTIJIET TA' AĊĊESS

*Artikolu 21*

Tista' ssir applikazzjoni lill-Awtoritajiet Ċentrali ta' l-Istati Kontraenti biex isiru arranġamenti għall-organizzazzjoni jew biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv ta' drittijiet ta' aċċess bl-istess mod bħalma ssir applikazzjoni għar-ritorn ta' minuri.

L-Awtoritajiet Ċentrali huma marbuta b'kull obbligu ta' koperazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7 biex iġibu 'l quddiem it-tgawdija paċifika tad-drittijiet ta' aċċess u l-adempiment ta' kull kondizzjoni li għalihom jista' jkun suġġett l-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet. L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jaraw kif, sa fejn ikun possibbli, ineħħu l-ostakoli kollha għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet. L-

Awtoritajiet Ċentrali jistgħu jibdew, jew jgħinu sew direttament sew permezz ta' intermedjarji f'li jinbdew, proċedimenti bil-għan li jiġu organizzati jew protetti dawn id-drittijiet u biex jiġi żgurat kull rispett għall-kondizzjonijiet li għalihom ikun suġġett l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet.

## KAPITOLU V - DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 22*

Ebda garanzija, rahan jew depożitu, jkunu kif ikunu msejħa, m'għandhom jenħtieġu biex jagħmlu tajjeb għall-ħlas ta' nfieq u spejjeż fil-proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi li jidħlu fl-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 24*

Kull applikazzjoni, komunikazzjoni jew dokument ieħor li jintbagħat lill-Awtorità Ċentrali ta' l-Istat rikjest għandu jkun fl-ilsien oriġinali, u jkun imsieħeb bi traduzzjoni fl-ilsien uffiċjali jew f'wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Istat rikjest jew, fejn dan mhux possibbli, bi traduzzjoni fl-ilsien Franċiż jew Ingliż.

*Artikolu 26*

Kull Awtorità Ċentrali għandha tbati l-ispejjeż tagħha filli tapplika din il-Konvenzjoni.

L-Awtoritajiet Ċentrali u servizzi pubbliċi oħra ta' Stati Kontraenti m'għandhomx jitolbu ebda ħlas għal applikazzjonijiet preżentati taħt din il-Konvenzjoni. B'mod partikolari m'għandhomx jitolbu ebda ħlas mingħand l-applikant għal infieq u spejjeż tal-proċedimenti jew, fejn dan japplika, dawk konnessi mad-drittijiet ta' avukati jew konsulenti. Iżda huma jistgħu jitolbu l-ħlas ta' l-ispejjeż li jsiru jew li jkunu se jsiru sabiex jitwettaq ir-ritorn tal-minuri.

Iżda, Stat Kontraenti jista, billi jagħmel riserva skond l-Artikolu 42, jiddikjara li mhux ser ikun marbut li jassumi spejjeż imsemmija fil-paragrafu ta' qabel li joħorġu mill-parteċipazzjoni ta' avukati jew konsulenti jew minn proċedimenti fil-qorti, ħlief sal-limitu li dawk l-ispejjeż ikunu koperti bis-sistema tiegħu ta' għajnuna u pariri legali.

Meta jiġi ordnat ir-ritorn tal-minuri jew tinħareġ ordni li jkollha x'taqsam mad-drittijiet ta' aċċess taħt din il-Konvenzjoni, l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi jistgħu, meta jkun hekk sew li jsir, jordnaw lill-persuna li tkun neħħiet jew żammet il-minuri, jew li tkun ċaħdet l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' aċċess, li tħallas l-ispejjeż meħtieġa magħmula minn jew f'isem l-applikant, inklużi l-ispejjeż tal-vjaġġ, kull spiża jew ħlas li jsir biex jinstab il-minuri, l-ispejjeż għar-rappreżentanza legali ta' l-applikant, u dawk għar-ritorn tal-minuri.

*Artikolu 27*

Meta jkun jidher ċar li l-obbligi li joħorġu minn din il-Konvenzjoni ma jkunux qegħdin jitwettqu jew li l-applikazzjoni hi xort'oħra bla bażi, l-Awtorità Ċentrali ma tkunx marbuta li taċċetta l-applikazzjoni. F'dak il-każ, l-Awtorità Ċentrali għandha minnufih tgħarraf lill-applikant jew lill-Awtorità Ċentrali li permezz tagħha tkun saret l-applikazzjoni, skond il-każ, bir-raġunijiet tagħha.

*Artikolu 28*

Awtorità Ċentrali tista' teħtieġ li l-applikazzjoni tkun imsieħba b'awtorizzazzjoni bil-miktub li tagħtiha s-setgħa li taġixxi f'isem l-applikant, jew li taħtar rappreżentant biex hekk jaġixxi.

*Artikolu 29*

Din il-Konvenzjoni ma żżomm lil ebda persuna, istituzzjoni jew enti li

tallega li kien hemm xi ksur tad-drittijiet tal-kustodja jew ta' aċċess skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3 jew 21 milli japplikaw direttament lill-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi ta' Stat Kontraenti, sew skond sew mhux skond id-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 30*

Kull applikazzjoni li ssir lill-Awtoritajiet Ċentrali jew direttament lill-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi ta' Stat Kontraenti skond id-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, flimkien mad-dokumenti u kull tagħrif ieħor mehmuż magħha jew provdut minn Awtorità Ċentrali, jkun ammissibbli fil-qrati jew quddiem l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Kontraenti.

*Artikolu 31*

Meta fi Stat li, għar-rigward tal-kustodja ta' minuri, jkollu żewġ sistemi ta' liġi jew aktar applikabbli f'oqsma territorjali differenti -

(*a*) kull referenza għall-post fejn wieħed soltu joqgħod f'dak l-Istat għandha tinftihem li tirreferi għall-post fejn wieħed soltu joqgħod f'taqsima territorjali ta' dak l-Istat;

(*b*) kull referenza għal-liġi ta' l-Istat tal-post fejn wieħed soltu joqgħod għandha tinftihem li tirreferi għall-liġi tat-taqsima territorjali f'dak l-Istat fejn il-minuri ikun soltu joqgħod.

*Artikolu 32*

Meta fi Stat li, għar-rigward tal-kustodja tal-minuri, jkollu żewġ sistemi ta' liġi jew aktar applikabbli għal kategoriji differenti ta' persuni, kull referenza li ssir għal-liġi ta' dak l-Istat għandha tinftihem bħala li tkun qegħda tirreferi għas-sistema legali speċifikata mil-liġi ta' dak l-Istat.

---

IT-TIENI SKEDA

[Artikolu 14(2)]

**KONVENZJONI EWROPEA DWAR IR-RIKONOXXIMENT U L-INFURZAR TA' DEĊIŻJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAL-KUSTODJA TA' MINURI**

*Artikolu 1*

Għall-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni -

(*a*) "minuri" tfisser persuna ta' kull nazzjonalità li tkun, sakemm tkun taħt is-sittax il-sena u ma jkollhiex id-dritt li tiddeċiedi dwar il-post tar-residenza tagħha taħt liġi li tirregola fejn wieħed soltu joqgħod, il-liġi dwar in-nazzjonalità tagħha jew il-liġi domestika ta' l-Istat indirizzat;

(*b*) "awtorità" tfisser awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva;

(*ċ*) "deċiżjoni li għandha x'taqsam mal-kustodja" tfisser deċiżjoni ta' awtorità sakemm din ikollha x'taqsam mal-kura tal-persuna tal-minuri, inklużi id-dritt ta' deċiżjoni dwar il-post ta' residenza, jew dwar id-dritt ta' aċċess għalih;

(*d*) "rimozzjoni bla dritt" tfisser ir-rimozzjoni ta' minuri billi tinqabeż il-fruntiera internazzjonali bi ksur ta' deċiżjoni li għandha x'taqsam mal-kustodja tiegħu mogħtija fi Stat Kontraenti li tista' tiġi infurzata f'dak l-

Istat; u "rimozzjoni bla dritt" tinkludi wkoll:

(i) billi ma jiġix ritornat il-minuri billi tinqabeż il-fruntiera internazzjonali meta jgħaddi l-perjodu ta' eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess għal dan il-minuri jew meta jgħaddi kull żmien ieħor ta' qagħda f'territorju li ma jkunx dak fejn tkun qed tiġi eżerċitata l-kustodja;

(ii) rimozzjoni li sussegwentement tiġi dikjarata kontra l-liġi skond it-tifsira ta' l-Artikolu 12.

*Artikolu 4*

(1) Kull persuna li tkun kisbet fi Stat Kontraenti deċiżjoni li għandha x'taqsam mal-kustodja ta' minuri u li tixtieq li dik id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta jew infurzata fi Stat Kontraenti ieħor tista' tindirizza applikazzjoni għal dan l-għan lill-awtorità ċentrali f'kull Stat Kontraenti li jkun.

(2) L-applikazzjoni għandha tkun imsieħba bid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 13.

(3) L-awtorità ċentrali li tirċievi l-applikazzjoni, jekk din ma tkunx l-awtorità ċentrali fl-Istat indirizzat, għandha tibgħat id-dokumenti direttament u mingħajr dewmien lil dik l-awtorità ċentrali.

(4) L-awtorità ċentrali li tirċievi l-applikazzjoni għandha żżomm lill-applikant mgħarraf mingħajr ebda dewmien dwar f'hiex tkun waslet l-applikazzjoni tiegħu.

*Artikolu 5*

(1) L-awtorità ċentrali fl-Istat indirizzat għandha tmexxi jew tara li jitmexxa mingħajr dewmien dak kollu li taħseb li jkun sew li jsir, jekk ikun meħtieġ billi jinbdew proċedimenti quddiem l-awtoritajiet kompetenti tagħha, sabiex -

(*a*) jinstab fejn ikun qiegħed il-minuri;

(*b*) jiġi evitat, b'mod partikolari b'kull miżura proviżorja meħtieġa, kull preġudizzju għall-interess tal-minuri jew ta' l-applikant;

(*ċ*) jiġi żgurat ir-rikonoxximent jew l-infurzar tad-deċiżjoni;

(*d*) tiġi żgurata l-konsenja tal-minuri lill-applikant meta jkun ġie ordnat l-infurzar;

(*e*) tiġi mgħarrfa l-awtorità rikjedenti bil-miżuri li jittieħdu u r-riżultati tagħhom.

(2) Fejn l-awtorità ċentrali fl-Istat indirizzat ikollha għaliex tifhem li l-minuri jkun jinsab fit-territorju ta' Stat Kontraenti ieħor hija għandha tibgħat id-dokumenti direttament u mingħajr dewmien lill-awtorità ċentrali ta' dak l-Istat.

(3) B'eċċezzjoni ta' l-ispejjeż ta' ripatrijazzjoni, kull Stat Kontraenti jintrabat li ma jitlob ebda pagament mingħand applikant dwar miżuri meħuda taħt il-paragrafu (1) mill-awtorità ċentrali ta' dak l-Istat f'isem l-applikant, inklużi l-ispejjeż tal-proċedimenti u, fejn japplika, l-ispejjeż magħmula għall-assistenza ta' avukat.

(4) Jekk ir-rikonoxximent jew l-infurzar jiġu miċħuda, u jekk l-awtorità ċentrali ta' l-Istat indirizzat tqis li għandha tħares talba li ssir mill-applikant biex iġib f'dak l-Istat proċeduri li jkollhom x'jaqsmu mal-mertu tal-każ, dik l-awtorità għandha tagħmel mill-aħjar biex tiġi żgurata r-rappreżentanza ta' l-applikant fil-proċedimenti taħt kondizzjonijiet li ma jkunu xejn anqas favorevoli minn dawk disponibbli għal persuna li tkun residenti u ċittadin ta' dak l-Istat u għal dan l-għan tista', b'mod partikolari, tibda proċedimenti quddiem l-awtoritajiet kompetenti tagħha.

*Artikolu 7*

Deċiżjoni li għandha x'taqsam mal-kustodja li tingħata f'xi Stat Kontraenti għandha tiġi rikonoxxuta u, jekk din tkun tista' tiġi infurzata fl-Istat ta' oriġini tagħha, din għandha tiġi infurzata f'kull Stat Kontraenti ieħor.

*Artikolu 9*

(1) [*Ir-rikonoxximent u l-infurzar jistgħu ma jintlaqgħux*] jekk:

(*a*) fil-każ ta' deċiżjoni li tingħata fil-kontumaċja ta' konvenut jew tar-rappreżentant legali tiegħu, il-konvenut ma kienx ġie notifikat regolarment bid-dokument li bih inbdew il-proċedimenti jew dokument ekwivalenti fi żmien adegwat biex ikun jista' jagħmel id-difiża tiegħu; iżda dak in-nuqqas ta' notifika m'għandux jikkostitwixxi r-raġuni biex jiġu miċħuda r-rikonoxximent jew l-infurzar meta n-notifika ma tkunx saret għax il-konvenut ikun ħeba l-post fejn kien joqgħod mill-persuna li bdiet il-proċedimenti fl-Istat ta' oriġini;

(*b*) fil-każ ta' deċiżjoni mogħtija fil-kontumaċja tal-konvenut jew tar-rappreżentant legali tiegħu, il-kompetenza ta' l-awtorità li tat id-deċiżjoni ma kinitx bażata -

i. fuq il-post fejn soltu joqgħod il-konvenut; jew

ii. fuq l-aħħar post komuni fejn kienu joqogħdu l-ġenituri tal-minuri, jekk mill-anqas wieħed mill-ġenituri jkun għadu soltu joqgħod hemmhekk; jew

iii. fuq il-post fejn soltu joqgħod il-minuri;

(*ċ*) id-deċiżjoni tkun inkompatibbli ma' deċiżjoni li għandha x'taqsam mal-kustodja li setgħet tiġi infurzata fl-Istat indirizzat qabel ir-rimozzjoni tal-minuri, kemm-il darba l-minuri kien soltu joqgħod fit-territorju ta' l-Istat rikjedenti għal sena qabel ir-rimozzjoni tiegħu.

(3) Taħt ebda ċirkostanza m'għandha deċiżjoni barranija tiġi eżaminata fil-meritu.

*Artikolu 10*

(1) [*Ir-rikonoxximent u l-infurzar jistgħu ma jintlaqgħux ukoll*] għal xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(*a*) jekk jinstab li l-effetti tad-deċiżjoni huma b'mod ċar inkompatibbli mal-prinċipji fondamentali tal-liġi li għandha x'taqsam mal-familja u mal-minuri fl-Istat indirizzat;

(*b*) jekk jinstab li minħabba f'tibdil fiċ-ċirkostanzi li jinkludu ż-żmien li jgħaddi iżda li ma jinkludux it-tibdil biss fil-post fejn joqgħod il-minuri wara rimozzjoni illeċita, l-effetti tad-deċiżjoni oriġinali b'mod ċar ma jibqgħux aktar fl-interess tal-minuri;

(*ċ*) jekk fiż-żmien meta l-proċedimenti nbdew fl-Istat ta' oriġini -

i. il-minuri kien ċittadin ta' l-Istat indirizzat jew kien soltu joqgħod hemmhekk u ma kien hemm ebda konnessjoni bħal dik ma' l-Istat ta' oriġini;

ii. il-minuri kien ċittadin sew ta' l-Istat ta' oriġini sew ta' l-Istat indirizzat u kien soltu joqgħod fl-Istat indirizzat;

(*d*) jekk id-deċiżjoni tkun inkompatibbli ma' deċiżjoni mogħtija fl-Istat indirizzat jew tista' tiġi infurzata f'dak l-Istat wara li tkun ingħatat fi Stat ieħor, bħala segwitu għal proċedimenti mibdija qabel ma tkun ġiet

preżentata l-applikazzjoni għar-rikonoxximent jew infurzar, u jekk ir-rifjut ikun fl-interess tal-minuri.

(2) Il-proċedimenti għar-rikonoxximent jew infurzar jistgħu jiġu sospiżi għal xi motiv minn dawn:

(*a*) jekk tkun inbdiet proċedura ordinarja ta' reviżjoni tad-deċiżjoni oriġinali;

(*b*) jekk il-proċedimenti li għandhom x'jaqsmu mal-kustodja tal-minuri, li jkunu nbdew qabel ma l-proċedimenti fl-Istat ta' oriġini jkunu ġew istitwiti, ikunu pendenti fl-Istat indirizzat;

(*ċ*) jekk deċiżjoni oħra li għandha x'taqsam mal-kustodja tal-minuri tifforma l-meritu ta' proċedimenti għall-infurzar jew ta' xi proċedimenti oħra li għandhom x'jaqsmu mar-rikonoxximent tad-deċiżjoni.

*Artikolu 11*

(1) Deċiżjonijiet fuq id-drittijiet ta' aċċess u provvedimenti ta' deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kustodja u li huma relatati mad-drittijiet ta' aċċess għandhom jiġu rikonoxxuti u infurzati skond l-istess kondizzjonijiet bħal kull deċiżjoni oħra li għandha x'taqsam mal-kustodja.

(2) Iżda, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat indirizzat tista' tistabbilixxi l-kondizzjonijiet biex jitwettaq u jiġi eżerċitat id-dritt ta' aċċess partikolarment, jekk tqis l-obbligazzjonijiet li jkunu intrabtu bihom il-partijiet fuq din il-kwistjoni.

(3) Meta ma tkun ittieħdet ebda deċiżjoni fuq id-dritt ta' aċċess jew meta ma jkunux intlaqgħu r-rikonoxximent jew l-infurzar ta' deċiżjoni li għandha x'taqsam mal-kustodja, l-awtorità ċentrali ta' l-Istat indirizzat tista' tapplika lill-awtoritajiet kompetenti tagħha għal deċiżjoni fuq id-dritt ta' aċċess jekk il-persuna li tallega dritt ta' aċċess hekk titlob.

*Artikolu 12*

Meta, waqt ir-rimozzjoni tal-minuri billi tinqabeż il-fruntiera internazzjonali, ma jkun hemm ebda deċiżjoni li tista' tiġi infurzata mogħtija fi Stat Kontraenti li għandha x'taqsam mal-kustodja tiegħu, id-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni għandhom ikunu japplikaw għal kull deċiżjoni li tiġi wara, li għandha x'taqsam mal-kustodja ta' dak il-minuri u li tiddikjara r-rimozzjoni bħala waħda illeċita, li tingħata fi Stat Kontraenti fuq talba ta' kull persuna li jkollha interess.

*Artikolu 13*

(1) Applikazzjoni għar-rikonoxximent jew infurzar fi Stat Kontraenti ieħor ta' deċiżjoni li għandha x'taqsam mal-kustodja għandu jentehmeż magħha -

(*a*) dokument li jkun jawtorizza lill-awtorità ċentrali ta' l-Istat indirizzat biex jaġixxi f'isem l-applikant jew biex jinħatar rappreżentant ieħor għal dak l-għan;

(*b*) kopja ta' deċiżjoni li tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa ta' awtentiċità;

(*ċ*) fil-każ ta' deċiżjoni mogħtija fil-kontumaċja tal-konvenut jew tar-rappreżentant legali tiegħu, dokument li jistabbilixxi li l-konvenut kien ġie regolarment notifikat bid-dokument li bih inbdew il-proċedimenti jew dokument ekwivalenti;

(*d*) jekk ikun japplika, kull dokument li jistabbilixxi li, skond il-liġi ta' l-Istat ta' oriġini, id-deċiżjoni tkun tista' tiġi infurzata;

(*e*) jekk ikun possibbli, dikjarazzjoni li tkun tindika l-post jew postijiet fejn

il-minuri x'aktarx joqgħod fl-Istat indirizzat;

(*f*) proposti dwar kif il-kustodja tal-minuri għandha tiġi restitwita.

*Artikolu 15*

(1) Qabel ma' tittieħed deċiżjoni skond il-paragrafu (1)(*b*) ta' l-Artikolu 10, l-awtorità interessata fl-Istat indirizzat -

(*a*) għandha taċċerta ruħha dwar il-fehmiet tal-minuri kemm-il darba dan ma jkunx imprattikabbli minħabba fl-età u l-fehma tal-minuri; u

(*b*) tista' titlob li jsiru l-investigazzjonijiet meħtieġa.

(2) L-ispejjeż ta' investigazzjonijiet f'kull Stat Kontraenti għandhom ikunu mgħejjuna mill-awtoritajiet ta' l-Istat fejn dawn isiru.

Applikazzjonijiet għal investigazzjonijiet u r-riżultanzi tagħhom jistgħu jintbagħtu lill-awtorità interessata permezz ta' l-awtoritajiet ċentrali.

---

## IT-TIELET SKEDA

(Artikolu 13)

*Riservi*

(1) Il-Gvern ta' Malta jiddikjara li mhux ser jkun marbut li jagħmel xi spejjeż li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni ta' avukati jew konsulenti jew minn proċedimenti fil-qrati, ħlief meta dawk l-ispejjeż jistgħu jkunu koperti bl-għajnuna legali.

(2) Skond l-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni, Malta tirriserva d-dritt li taċċetta traduzzjonijiet tad-dokumenti oriġinali biss bl-ilsien Ingliż.

---

## IR-RABA' SKEDA

[Artikolu 14(2)]

*Riserva*

Skond l-Artikolu 17, paragrafu 1 tal-Konvenzjoni, il-Gvern ta' Malta jirriserva d-dritt li ma jilqax ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kustodja, fil-każijiet li jaqgħu taħt l-Artikoli 8 u 9 jew xi wieħed minn dawn l-Artikoli, għal xi waħda mir-raġunijiet li dwarhom hemm provdut fl-Artikolu 10, paragrafu 1(*a*), (*b*), (*ċ*) u (*d*).

---